# Il-bidu tal-kult tar-Rużarju ġewwa Malta

50 1963 ~ 2013

**Is-Sur Joseph C. Camilleri**

L-Ewropa Nisranija kienet mhedda mill-qawwa Torka. Minkejja l-Assedju ta' Malta u l-Assedju ta' Vjenna, it-Torok reġgħu refgħu rashom. Il-qawwa tal-baħar Torka kienet tant qawwija li l-artijiet fiċ-ċentru tal-Mediterran kienu mhedda. Iż-żewġ qawwiet tal-Mediterran kellhom jiltaqgħu u l-qawwa tal-kanun tiddeċiedi minn kellu jaħkem f'din il-parti tal-Ewropa.



*Il-Papa San Piju V*

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa San Piju V irnexxielu jiġbor iġfna u suldati sabiex jifforma flotta Nisranija. Fuq it-tmun tagħha poġġha lil Don Juan tal-Awstrija. Il-kavallieri ta' San Ġwann li kienu qed jaħkmu fuq il-gżejjer Maltin, bagħtu xi iġfna, suldati u kavallieri. Din il-flotta kienet taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija, Omm Alla. Il-flotta Nisranija u dik Torka kellhom jiltaqgħu fil-Bajja ta' Lepanto. Dan kien is-sena 1571.

Il-Papa ordna lil kull konfraternità li kienet imwaqqfa f'Ruma biex tieħu sehem f'purċissjoni. Il-jum magħżul kien l-ewwel Ħadd ta' Ottubru. F'dan il-jum, il-fratellanza tar-Rużarju kienet torganizza l-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Din il-fratellanza kienet ibbażata f'waħda mill-knejjes ta' Ruma – ta' Santa Maria Sopra Minerva. Waqt il-purċissjoni qamu l-għajdut li l-Papa kien inspirat mis-sema u beda jgħajjat: "Irbaħna! Irbaħna!". Ir-rebħa kienet tassew tal-insara.[1] Ir-rebħa kienet tassew miraklu, miraklu bl-interċessjoni ta' Marija Omm Alla.

**Minn ġlieda fuq il-baħar għad-devozzjoni tar-Rużarju**

Il-biża' li ċ-ċentru nofsani tal-Baħar Mediterran jaqa' taħt il-qawwa Torka kienet fuq kulħadd. Jekk taqa' Malta, se taqa' Sqallija u bil-mod it-theddida kienet se tasal sal-bibien ta' Ruma.

**Il-Birgu**

Id-Dumnikani kellhom diġà kunvent u knisja fil-belt tal-Birgu. Waħda minn dawn il-kappelli li kienu jinsabu f'din il-knisja kienet iddedikata lill-Madonna tar-Rużarju. Din il-kappella twaqqfet meta l-battalja ta' Lepanto kienet qed isseħħ. L-idea ta' kappella tal-Madonna tar-Rużarju waslet ukoll f'moħħ il-Patrijiet Dumnikani, din id-darba tal-Knisja u l-kunvent tal-Madonna tal-Għar. Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju kienet iċċelebrata fuq l-artal tal-Madonna ta' Salterio.[2]

Wara r-rebħa tal-Assedju l-Kbir, il-Kavallieri kienu qed isarfu l-enerġija tagħhom fil-bini tal-belt il-ġdida – il-Belt Valletta. Waqt li kien beda l-bini tal-knisja ta' Santa Marija tal-Porto Salvo, il-Kavallieri ħarġu mill-Birgu u ġew transferiti fil-belt il-ġdida. Il-Gran Mastru Fra Giovanni Evesque de la Cassiere talab lill-Patrijiet Dumnikani biex titwaqqaf fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju f'din il-knisja l-ġdida. Sar Kunsill Konventwali fost il-Patrijiet Dumnikani fl-24 t'Ottubru, 1576 fejn it-talba tal-Gran Mastru ġiet milqgħuha. B'hekk f'Malta, taħt il-ħarsien tal-Patrijiet Dumnikani twaqqfu tliet fratellanzi – fil-Birgu u fir-Rabat miftuħin għal kulħadd u dik tal-Belt Valletta għall-kavallieri, membri tal-kleru, nobbli u nies tal-iskola.

**It-tixrid tal-fratellanzi**

Wara r-rebħa tal-Battalja ta' Lepanto, il-fratellanzi bdew jinfirxu mal-Parroċċi Maltin. Dan seħħ għal diversi raġunijiet. L-ewwel ħaġa kien hemm forza qawwija min-naħa tal-Vatikan għax ir-Rużarju sar marbut mija fil-mija mar-rebħa tal-Battalja ta' Lepanto. It-tieni, il-Kavallieri daħlu b'ruħhom u ġisimhom mat-tixrid tar-Rużarju. Ħafna kienu daħlu membri mal-

*ikompli f'paġna 42 /...*

.../ ikompli minn paġna 41

fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju tal-Belt Valletta. Fl-aħħarnett, kien hemm l-ordnijiet li kienu ħarġu mill-Kapitlu Ġeneral Dumnikan li kien sar fl-1574 fil-belt Spanjola ta' Barċellona. Kull Dumnikan kellu jaħdem sabiex ir-Rużarju jinxtered mal-Parroċċi Maltin. Is-soluzzjoni kienu l-fratellanzi – il-fratellanzi tal-Madonna tar-Rużarju. F'kull Parroċċa dawn il-fratellanzi bdew jaħdmu biex ikollhom l-aħjar pożizzjoni għall-artali tagħhom. Dawn kollha spiċċaw f'xi kappellun, qrib l-artal maġġur.

### Twaqqif tal-Fratellanzi tal-Madonna tar-Rużarju f'Malta[3]

| *Parroċċa* | *Data* |
|---|---|
| Il-knisja tal-kastell (Għawdex) | 1578 |
| Siġġiewi | 1585 |
| Bir Miftuħ | 1588 |
| Ħaż Żebbuġ | 1588 |
| Iż-Żurrieq | 1588 |
| Birkirkara | 1593 |
| Ħ'Attard | 1595 |
| Il-Mellieħa | 1595 |
| In-Naxxar | 1595 |
| Ħal Kirkop | 1596 |
| L-Imqabba | 1596 |
| Ħal Tarxien | 1598 |
| Iż-Żejtun | 1600 |
| Ħal Safi | 1601 |
| Ħal Qormi | 1601 |
| Ħal Lija | 1601 |
| Bormla | 1602 |
| Il-Mosta | 1602 |
| Ħal Għargħur | madwar l-1615 |

### Jitwieldu d-drawwiet

Dak li kien qed isir f'dawn it-tliet ċentri Dumnikani beda drawwiet li wara ż-żmien inxterdu mal-Parroċċi kollha Maltin. Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju bdiet issir fl-ewwel Ħadd t'Ottubru. Din id-drawwa bdiet issir f'kull Parroċċa. Fil-Gudja, il-fratellanza sabet l-għajnuna ta' għaqda bandistika u l-festa bdiet issir aktar bil-kbir[4], tant li llum f'dan ir-raħal żgħir isiru tliet festi, kollha Marjani: it-titular (Santa Marija) u żewġ festi sekondarji (Tar-Rużarju u Taċ-Ċintura). Ħal Taxien kellha l-festa tal-Madonna tar-Rużarju bħala t-tieni festa, sakemm twieldet il-festa tal-Madonna tad-Duttrina.

Il-fratellanza tar-Rużarju tal-Belt Valletta daħlet statwa tal-injam tal-Madonna tar-Rużarju. Din saret min id Giuseppe Mazzero de Rizzini. Din id-drawwa kompliet meta l-fratellanza tar-Rużarju tar-Rabat fl-1661 daħlet statwa oħra tal-Madonna tar-Rużarju. Din saret minn Melchiorre Gafà. Din l-istatwa saret popolari fost il-poplu Malti l-aktar dawk id-devoti tal-Madonna tar-Rużarju. Din l-istatwa, maż-żmien saret l-istatwa mudell ta' ħafna statwi Marjani sew tar-Rużarju u sew tal-Madonna tal-Karmnu. L-istatwa tar-Rużarju ta' Ħal Tarxien tixbaħ lil dik tar-Rabat waqt li l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq saret ukoll fuq l-istil ta' din l-istatwa.



***L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fir-Rabat***

Drawwa oħra marbuta mal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju hija li fl-imgħoddi din l-istatwa kienet tinħareġ għall-purċissjoni Marjana. Dan seħħ għaliex fiha kienu jaraw il-misteri tar-Rużarju. F'Ħal Tarxien damu ma kellhom statwa tal-Lunzjata u fil-purċissjoni titulari kienet tinġarr l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Tant ieħor il-Mosta. Il-Mostin ma kellhomx l-istatwa ta' Santa Marija. Fil-purċissjoni titulari ta' Santa Marija kienu jużaw l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

ikompli f'paġna 43 /...

.../ ikompli minn paġna 42

**Purċissjoni tipika Dumnikana tal-Madonna tar-Rużarju**

Għall-ewwel fil-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju kien jieħdu sehem il-fratelli tal-fratellanzi l-oħra tal-Belt Valletta. L-Isqof kien jieħu sehem ukoll flimkien ma' ħafna devoti.

Fid-29 ta' Marzu 1658, Malta ħasset sensiela ta' terrimoti. L-isqof jew il-Gran Mastru talbu biex fil-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju l-inkwadru ta' San Duminku jinħareġ ukoll. Maż-żmien dan l-inkwadru ġie mibdul mal-istatwa ta' San Duminku.

Fil-Birgu, fil-Belt Valletta u fir-Rabat il-purċissjoni tal-Madonna kienet tinkludi żewġ statwi, dik tal-Madonna tar-Rużarju u dik ta' San Duminku. Fil-belt Valletta din id-drawwa waqfet, tassew ħasra! Iżda fir-Rabat u fil-Birgu din id-drawwa ta' żewġ statwi fil-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju baqgħet. Din hi l-unika purċissjoni barra dik tal-Ġimgħa l-Kbira li fiha tieħu sehem aktar minn statwa waħda.



*L-istatwa ta' San Duminku fir-Rabat*

**Referenzi**

1 Mallia Philip, '*The Dominican Order and the Blessed Virgin in Malta till the end of the 18th century*', f'Borg Vincent (ed.) '*Marian Devotions in the Islands of Saint Paul* (1600-1800)', *The Historical Society*, Malta 1983 (p.309).
2 Mallia Philip, op cit, (p.309).
3 Mallia Philip, op cit, (p.311).
4 Mallia Philip, op cit, (p.310).



Ron's Restaurant

*Specialising in Fresh Fish*

**Godfrey Zammit**
*Owner*

54, Xatt is-Sajjieda,
Marsaxlokk

Tel: 2165 9382
Mob: 9947 1223